# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................(2)

# CALTANISETTA

*L-Erbgha tal-Gimgha Mqaddsa.- Filghodu*

Dan hu l-jum li fih r-"REAL Maestranza" jew ahjar l-"Ghaqda Rjali tas-Snajja" ta' Caltanisetta jaghtu bidu ghall-Manifestazzjonijiet mimlija attivita' tal-Gimgha Mqaddsa. Din l-ghaqda thaddan fiha nies ta' snajja l-aktar antiki tal-belt filwaqt li it-titolu Real kien attribwit lilhom fis-sena 1806 mir-re Ferdinandu IV ta' Borbon li tant impressjona ruhu waqt zjara li hu ghamlilhom, bis-sbuhija tal-purcissjoni li fiha huma kienu qed jiehu sehem




Fl-antik din il-"maestranza" kienet armata u meta maz-zmien giet soppressa baqghet tiffunzjona taht libsa religjuza u fil-jum ta' l-Erbgha Mqaddsa, din l-ghaqda takkompanja lis-Santissimu Sagrament f'purcissjonijiet solenni mat-toroq tal-belt.

Din l-Ghaqda ghandha il-gerarkija taghha bil-kap isejhulu "Capitano" jew "Kaptan" li jigi elett mill-membri xi gimghat qabel l-Ghid. F'din l-okazzjoni huwa jsir r-rappresentant tal-poplu u figura mportanti fl-attivita' tal-Gimgha Mqaddsa.

L-imghallmin tas-snajja jiffurmaw korteo twil u bix-xema f'idejhom jiehdu sehem f'purcissjoni li ghandha zewg taqsimiet fejn il-kuluri iswed u abjad jiddominaw. Fl-ewwel parti tal-purcissjoni il-kaptan tal-"maestranza" jilbes l-iswed minn rasu sa saqajh biex juri sobgha u dieqa ghall-mewt ta' Kristu. Sahansitra is-salib u l-bandiera ta' l-ghaqda ikunu imlibbsa velu iswed biex jaghtu idea ta' luttu.

Meta il-purcissjoni tidhol fil-katidral, il-kulur jimbidel f'abjad u tibda tohrog il-purcissjoni bis-sagrament. Anki l-kaptan ibiddel il-kulur iswed biex jilbes abjad, indikat bic-coff , kalzetti u ngwanti bojod. B'dan is-sinjal juri lil poplu l-ferh li gab Kristu li heles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub.

## *L-Erbgha tal-Gimgha Mqaddsa.- Wara nofs inhar*

Wara l-purcissjoni ta' filghodu, in-nies tal Belt ikunu qed jistennew mument iehor ghaziz ghalihom: il-purcissjoni b'vari minjaturi li jirrakontaw il-passjoni ta' Kristu. Fost in-nies tal-lokal maghrufa bid-djalett taghhom bhala il-"Varicedde" appuntu vari zghar. Il-vari huma kopji precizi fic-cokon tal-vari l-kbar li jingarru fi processjoni f'Hamis ix-Xirka fit-tard sa sbieh il-Gimgha l-Kbir.

Din il-processjoni hija wahda semplici izda imfittxija hafna bil-vari minjaturi imqieghda fuq karru u mzejna bil-fjuri. Huma vari maghmula bit-tafal u l-kartapesta. Kull vara tkun taht il-kura ta' familji li b'entuzjamu kbir jzommuha fid-dar taghhom u jaghmlulha manetunzjoni kif mehtieg.

Tispikka hafna f'din il-purcissjoni l-partecipazzjoni tat-tfal bix-xemghat f'idejhom u diversi baned.

Din l-purcissjoni ghandha origini li jmur lura lejn nofs is-snin 1800 meta cittandin privat ghamel 14 il-vara minjatura, esponihom fid-dar tieghu u meta kienet tinzel ix-xemx flimkien ma' xi rgiel libsin kunfratija bajda kienu johorguhom fuq il-palma t'idejhom, akkumpanjati bil-hoss tat-tnabar. Din it-tradizzjoni damet biss ftit snin u wara giet imwaqqfa.

Rega' sar sforz iehor lejn tmiem is-seklu tmienja, fejn xi zaghzagh ghamlu vari ohra minjaturi u komplew it-tradizzjoni tal-"Varicedde." Fis-sena 1901 l-amministrazzjoni kemm religjuza kif ukoll politika tal-belt ikkunsidraw serjament din l-attivita' u organizzawha b'mod aktar ahjar. Izda minghajr

hadd ma jaf ghaliex din ukoll sfat imwaqqfa.

Kien fis-sena 1924 li xi zaghzagh li ma kienux imdeffsa fil-manifestazzjoni tal-Gimgha Mqaddsa hadu f'idejhom l-inkarigu li jergghu iqajmu din it-tradizzjoni, din id-darba biex tibqa hajja fil-kultura tan-nies ta' Caltasinetta. Gew mahduma vari minjaturi ohra minn Salvatore Capizzi u Giuseppe Salvatore Emma di San Cataldo, li in-numru taghhom jammonta ghal 19.

Din it-tradizzjoni ghaddiet minn generazzjoni ghal ohra u hekk rabbiet gheruq fil-fond tant li saret bicca hajja mill-attivita' tal-Gimgha Mqaddsa.

## VARI MINJATURI



# L-ADDOLORATA



ECCE HOMO



DEPOSIZZJONI



DEZOLATA



KRISTU FLAGELLAT



IL-LAQGHA TA' KRISTU MA' MARIJA



MONUMENT



KRISTU KKUNDANAT



IL-KARRU MIGBUD MIT-TFAL



GESU' MINEZZA' MINN HWEJGU



KRISTU MSAMMAR MAS-SALIB



L-ORT



KLRISTU MISLUB



QUDDIEM IS-SINEDRIJU



LEJN IL-KALVARJU



TRADIMENT



ID-DIFN



IL-VERONIKA



DETTAL MIC-CENA